TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Franky Cuschieri**

**Vs**

**Bajada New Energy Limited**

**CCT 121/24/MM**

**Illum,** 4 ta' Frar 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2024 fejn talab is-somma ta' ħames mija wieħed u tmenin u wieħed u ħamsin ċenteżmu ewro (€581.51) rappreżentanti kontijiet tad-dawl, u spejjeż li ħallas lill-electriċian għal xogħolu u għal materjal biex jipprova jsewwi sistema ta' pannelli fotvoltajici mixtrija u nstallata mingħand l-azjenda intimata.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent jispjega li kien ġie pprovdut b'servizz li jikkonsisti f'installazzjoni ta' sistema ta' pannelli fotvoltajici mixtrija u nstallata minghand l-azjenda intimata. Illi r-rikorrent kien

irraporta ħsara fil-panelli u jgħid li t-technicians tas-soċjeta' intimata marru kemm il-darba fuq il-post iżda ma sabux minn fejn kienet ġejja l-ħsara. Illi eventwalment ir-rikorrenti intebaħ li l-wires kienu tgerrmu minn ġurdien u x'ħin biddel il-wires imgerrma il-panelli ħadmu tajjeb. Illi l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa li t-technicians tas-soċjeta' intimata kellhom jintebħu mill-ewwel li kien hemm xi wires imgerrma anki fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti stess kien ġibdilhom l-attenzjoni li kellu suspett li kien hemm possibilita' li l-wires kienu maqrusa.

Illi s-soċjeta intimata rrispondiet u laqgħat għat-talba billi qalet li hija m'għandiex twieġeb għall-ħsara li għamel il-ġurdien. Illi s-soċjeta' intimata spjegat li kull meta marru t-technicians u ppruvaw iħaddmu l-panelli, sabu li r-Residual Current Device (RCD) magħrufa bħala s-salvavita, tal-panelli bdiet tittripja u meta bdew jiddiskonnetjaw xi dwal mid-dar, bdew isibu li s-salvavita ma kinietx tittripja u l-panelli kienu jaħdmu tajjeb. Illi s-soċjeta' intimata ssostni li dan kien ifisser li l-panelli ma kellhom l-ebda ħsara.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti*

*ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal jinnota li s-soċjeta' intimata' għamlet l-almu tagħha biex tidentifika l-problema billi bagħtet it-technicians tagħha fuq is-sit kemm il-darba mingħajr ħlas. Illi minn naħa l-oħra l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa li t-technicians tas-soċjeta' intimata kellhom jintebħu mill-ewwel li kien hemm xi wires imgerrma anki fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti stess kien ġibdilhom l-attenzjoni li kellu suspett li kien hemm possibilita' li l-wires kienu maqrusa.

Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma din l-aspettativa tar-rikorrent. Illi t-technicians tas-soċjeta' intimata marru biex isewwu l-panelli u kull meta marru dejjem irriżulta li l-panelli ma kellhomx ħsara. It-Tribunal jaqbel ma Pierre Paul Mangion li fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2024, in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata xehed li biex jaħdmu l-panelli irid ikollhom supply ta' elettriku ġewwa fihom. Illi meta t-technicians tas-soċjeta' intimata tfew id-dawl tad-dar, il-panelli ħadmu u għalhekk huwa evidenti li l-problema fid-dawl kienet tinsab fis-sistema tad-dawl tad-dar tar-rikorrenti u mhux fil-panelli. Illi ma kienx dmir it-technicains tas-soċjeta' intimata li jduru d-dar kollha biex jipprovaw isibu minn fejn kien ġej il-*fault* li kien qed itajjar is-salvavita. Illi dan ix-xogħol huwa barra mill-skop tagħhom. Illi t-Tribunal lanqas ma jaqbel li t-technicians naqsu minn dmirhom meta ma ndunawx mill-ewwel mill-problema. Illi fil-fatt lanqas it-technician privat li ġab ir-rikorrent u li għalih ħallas mija u sittin ewro (€160) ma ntebaħ li l-problema kienet dovuta għall-wires imgerrma minn ġurdien.

Illi lill hemm mill-mertu t-Tribunal jinnota li għar-rigward ta' provi, r-rikorrent ma ġab l-ebda prova bħal invoice jew kont biex jiġġustifika l-ispiża minnu mitluba. Madankollu dan l-aspett m'għandux impatt fuq il-ġudizzju tat-Tribunal fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

**1.**Mill-evidenza preżentata, ir-rikorrenti naqas milli jipproduċi provi li juru li l-wajers li ġew imgerrma mill-ġrieden kienu installati mis-soċjeta' intimata jew li l-installazzjoni tagħhom kienet taħt ir-responsabbiltà tagħha.

**2.**L-ebda evidenza ma ġiet ippreżentata mir-rikorrenti biex turi li s-soċjeta' intimata kellha obbligu li tipprovdi materjal protettiv kontra ħsarat minn annimali bħal ġrieden.

**3.**It-Tribunal jinnota wkoll li s-soċjeta' intimata ma ħadet l-ebda ħlas għall-ħruġ tat-technicians tagħha biex jeżaminaw is-sistema tal-attur.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti naqas li jipprova l-każ tiegħu u fuq bilanċ ta' probabbilita,' l-provi juri li minkejja li tassew kien sfortunat li l-ġrieden gerrmulu l-wires dan iżda ma jfissirx li s-soċjeta intimata għandha twieġeb għall-akkadut.

Għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti ma rnexxillux jipprova l-każ tiegħu sal-grad li trid il-liġi u għalhekk ser jiċħad l-ilment tar-rikorrenti.

**Deċiżjoni**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tiegħu.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**